**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 37/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa b'Urġenza Nru. 37**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2014. Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch u il-Kunsilliera Rita Delezio. Il-Kunsilliera Tyrone Muscat kien skużat.

Il-Kunsillier Raymond Attard irriżenja mill-kariga ta' kunsillier u għalhekk m'attendiex din il-laqgħa.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

1. **Jum Paola**

1.1. Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi spjega li din il-laqgħa qed issir b'urġenza sabiex il-Kunsill jevalwa in-nominazzjonijiet li irċieva għall-Ġieh Paola 2014 u jkun jista' jaqbel dwar min għandu jieħu dan il-Ġieh.

1.2. Is-Segretarju informa lil Kunsill dwar in-nomini li kien irċieva. Dawn kienu: Josephine Chetcuti, Charles Deguara, Dr. Stanley Zammit u Alfred Chetcuti.

1.3. Il-membri iddiskutew in-nomini u filwaqt li qablu li kollha taw sehemhom lejn il-komunità ta' Paola, qablu li Ġieħ Paola jingħata lil Josephine Pace. Il-Kunsilliera kollha qablu li din il-persuna taħdem bla heda b'mod volontarju fil-*Girl Guides* u jkun xieraq li din is-sena tingħata Ġieħ Paola.

1.4. Apparti Ġieħ Paola il-membri qablu li għandom jingħataw tifkira bħala rikonoxximent dawn il-persuni li ġejjin:

- **Lil Kevin Borg-** tas-servizz mogħti bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Paola mill-1998 sa l-2014.
- **Lil Kurt Aquilina -** rrappreżenta lil Malta u lill-lokalita ta' Paola fil-*Eurovision Young Musicians* 2014.
- **Lil Paola Hibs Volleyball Club** fl-okkażjoni ta' l-unuri mirbuħa fis-Seniors League, National Cup u Super Cup għal 10 snin konsekuttivi.
- **Lil Mediterranean Regional Centre for Traditional Chinese Medicine** -20 sena servizz.

1.5. Il-Kunsill qabel iddiskuta l-programm ta’ Jum Paola (15 ta’ Lulju 2014) u qabel illi jsir hekk:
   1.5.1. 6.00pm: Quddiesa ta’ Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali Kristu Re
   1.5.2. 7.00pm: Korteo mill-Knisja għall-Ġnien Pawlu Boffa
   1.5.3. 7.15pm: Ċerimonja Ġieh Paola/20 sena Kunsill Lokali Paola
   1.5.4. 8.30pm: Kxif tal-lapida-20 sena Kunsill Lokali Paola
   1.5.5. 8.45pm: Riċeviment

1.6. Il-Kunsill Lokali Paola qabel ukoll illi fid-dawl tal-Memo 8/2011 is-somma illi għanda tintefaq għal-attivitajiet ta’ Jum Paola ma taqbiżx Euro 3,500.

1.7. Għar-riċeviment ta’ Jum Paola is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta tlett offerti illi huwa ġabar mingħand James Caterers, Neriku Catering u Primavera Cateres u l-Kunsill Lokali qabel illi għanda tingħażel l-irħas offerta illi kienet ta’ James Caterers.

## 2. <u>Hwejjeg oħra.</u>

2.1. Fl-aħħar tal-laqgħa il-Kunsilliera Delezio ippreżentat kontro mozzjoni iffirmata mill-Kunsilliera Tyrone Muscat u Rita Delezio fejn qed jitolbu li terġa tiġi diskussa il-materja marbuta ma’ l-irħama ta’ Ġnien Boffa wara li kienet diskussa fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku qal illi peress li din il-mozzjoni ma kienitx imniżżla fl-aġenda tiġi diskussa f’laqgħa oħra tal-Kunsill

2.2. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.15pm.

Approvati llum 2014.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku